# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**


Minuti tas-seduta numru erbgħa u disgħin (94) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 27 ta' Marzu, 2012, fis-7:00pm fl-uffiċċju amministrattiv tal-KLM.

| PREŻENTI: | | |
|---|---|---|
| | Noel Galea | Sindku |
| | Charles Farrugia | Deputat Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Il-laqgħa bdiet siegħa aktar tard milli kien skedat peress li l-kunsillieri preżenti fetħu l-offerti tal-bini ta' *website* biex tippromwovi l-proġett tal-*EARDF*; il-latrina pubblika; kif ukoll il-kwotazzjoni għal assikurazzjoni tal-KLM.

2. Noel Galea qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa tal-KLM.

3. Il-minuti tas-seduta preċedenti kienu approvati u ffirmati wara diversi tibdiliet li sarulhom mill-kunsillieri permezz tal-*e-mails* li ċċirkulaw matul dawn l-aħħar ġimgħatejn, speċjalment dwar il-mozzjoni li kien ressaq Nicholas Briffa dwar l-istess proġett tal-Mentna. Għaldaqstant il-minuti ġew approvati u ffirmati mingħajr l-ebda korrezzjoni fuq il-kopja emendata prodotta wkoll lill-kunsillieri permezz ta' *e-mail.*

4. Dwar il-ħsarat fi Triq tas-Sejba, fejn it-triq reġgħet qed iċċedi 'l isfel, Noel Galea qal illi se jikkomunika mal-Perit Charmaine Camilleri tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fuq dan il-każ, sabiex dawn jagħmlu l-investigazzjoni tagħhom fuq il-*mains* tal-ilma kif ukoll il-medda tad-drenaġġ. Hu qal li għandu suspett kbir illi hemm *leak* u t-torba qed iċċedi 'l isfel kawża t'hekk. Nicholas Briffa qal illi minn ritratti li kienu ttieħdu dak iż-żmien li kienet imwessa' din it-triq, il-ħajt kien inbena fuq il-blat u għandu l-konkos u l-ħadid u mhux probabbli illi dan qed iċedi 'l isfel. Wara li sar suġġeriment biex jiġi spezzjonat kollox minn naħa tal-barrieri, id-deputat sindku ċempel lil sid ta' barriera li hemm fil-qrib u dan qallu li verament qed inixxi likwidu għal isfel u ma jafx minn fejn hu ġej. Biex ikun determinat jekk dan hux drenaġġ jew le, Paul Spiteri issuġġerixxa li jittieħed kampjun (jekk hiereġ ammont suffiċjenti), jew tal-inqas jintelaq ftit kulur minn kaptell (*manhole*) tad-drenaġġ viċin, biex naraw joħroġx mal-*leak* li hemm f'din il-barriera u tal-inqas inkunu nafu jekk dan hux ilma tax-xebgħa, xorb jew drenaġġ. Dwar il-ħsarat ta' din it-triq, Noel Galea, meta mistoqsi minn Nicholas Briffa qal illi se nippruvaw inġibu l-ispiża minn *Transport Malta* minkejja li din taqa' taħtna u l-perit qed jissuġġerixxi li jinqala' l-materjal minn mal-ħajt (*boundary wall).* Charles Farrugia qal illi minn dak li ra, hija ħaġa tal-iskantament illi anke l-bankina qisha niżlet, iżda fiha ma jirriżulta l-ebda qsim tal-konkos. Is-sindku qal li aktarx l-ilma qed inaddaf it-torba minn taħt, għalkemm m'hemm l-ebda konsenturi u din qed iċċedi b'kollox għal isfel. Iżda l-ewwel biċċa xogħol li għandu jsir hija *bill of quantities* tal-perit biex naraw kemm se tkun l-ispiża tal-manutenzjoni u tkun ikkunsidrata mill-KLM.

5. Dwar ix-xogħol ta' kostruzzjoni ta' toroq, is-sindku stqarr li dan qabad ritmu tajjeb wara li hu kellem lill-*Asfaltar Ltd* biex ineħħi lis-*sub-contractor* u issa qed jaħdem b'*guy* ieħor ta' ħaddiema. Hu qal li ltaqa' darbtejn *on site* mal-perit u minħabba xi diffikultajiet li kien hemm dwar il-livelli speċjalment dawk ta' Triq iż-Żurrieq, għandu jerġa' jiġi s-*surveyer.*

6. Charles Farrugia staqsa jekk għadniex fiċ-ċans illi dak li hu deskritt minn *Schembri Barbros* bħala *dwarf wall*, fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti, nistgħux innaqsulu filata oħra minnu. Għal din il-proposta Noel Galea qal li dan mhux se jkun għoli għaliex issa l-għoli tiegħu se jkun biss madwar żewġ filati u ċ-ċatta (*coping*) ta' fuq.

7. Noel Galea qal li l-KLM għandu serjament jikkunsidra li jsaħħaħ il-kampanja biex innaqqsu l-iskart organiku (tal-kċina) billi l-borża s-sewda ma tibqax tinġabar kull nhar ta' Tlieta. Dan bħalma ipproponew ir-rappreżentatni tal-kumpanija *Greenpak* fil-laqgħa li kellna magħhom, fejn qed jiġi propost illi kull nhar ta' Tlieta tibda tinġabar il-borża l-ħadra /griża biss. Miżura bħal din għandha twassal biex innaqqsu l-iskart organiku (tal-kċina) u nkabbru l-volum u l-piż tal-iskart isseparat. Għaldaqstant għandna nniedu kampanja ta' promozzjoni billi nqassmu nota mat-tfal tal-iskola u nagħmlu avviż fil-ħarġa tal-fuljett li jmiss. Nicholas Briffa qal li nistgħu nistiednu lin-nies jagħtuna *feedback* għal din il-proposta. Is-seretarju eżekuttiv qal illi ġaladarba jibda jaħdem mill-ġdid il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi, wara l-elezzjonijiet ta' Marzu 2012, nistgħu nikkomunikaw magħhom il-proposta.

8. Dwar id-diffikultajiet li għandhom mal-*MEPA*, dwar l-*alignment* tad-djar tagħhom numru żgħir ta' residenti f'Misraħ il-Missjoni iż-Żgħira, is-segretarju eżekuttiv kiteb li l-KLM, ġaladarba f'dawn is-snin kollha ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni mill-*MEPA* stess, lanqas il-KLM ma jsib oġġezzjoni. S'issa għadna ma nafux l-eżodu ta' din id-dikjarazzjoni tal-KLM.

9. Dwar il-proposta, tas-sindku, fl-aġenda sabiex il-KLM jixtri vann bil-kaxxa għall-użu tal-ħaddiema tal-*IPSL* /*Community Work Scheme*, kien hemm diversi proposti. Fosthom illi dawn m'għandhomx x'jambuh; illi dan għandu jkun *second hand*; illi jkun *on lease*; li jqum bejn *circa* €2,000 - u €4,000; jinxtara mutur tal-ħart bil-karru minflok. Dwar dan jekk ikunx *toaster van* (mingħajr *seats*) biex ma jkunx *commercial* ħalli jkollu liċenzja u assikurazzjoni baxxa jew *pickup*, il-kunsillieri qalu illi anke jekk ikun wieħed *pick-up*, dan b'modifika malajr inġibuh jinqafel, u wkoll nirriżervawlu kaxxa (posta) safra quddiem il-bini tal-KLM. Sadanittant is-segretarju eżekuttiv se jara jekk jakkwistax kopja ta' dokumenti tal-offerti għal xiri *second hand* u /jew *leasing* ta' vettura.

10. Il-KLM approva l-*payment approval sheet* numru 433 mingħajr l-ispiża ta'€881.38 li hija antiċipata li se ssir fuq il-Mentna, fil-proġett ta' ċentru tal-viżitaturi, minn *GO plc* illi kienet imdaħħla f'*item* 11.

11. Kienet sospiża l-laqgħa għal xi ħin biex is-sindku ppreżenta *voucher* ta' *week end break* lil Ms Carmen Muscat fil-lukanda *The Palace* f'tas-Sliema, kif ukoll biex hu kien ippreżentat minn pubblikazzjoni tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju bl-isem *Sicut Lilium*, li ġiet f'delegazzjoni flimkien mal-Awtur is-Sur Charles Farrugia, fil-KLM.

12. Nicholas Briffa semma 'l Familja Mifsud li toqgħod fi Triq il-Kileb, li qalet illi meta saret it-triq, il-ħaddiema kienu għamlulha rampa u din trid tneħħiha. Is-sindku qal illi dan mhux possibbli sakemm hija stess ma tneħħix il-katusa li għandha mirduma taħtha illegalment, li minnha jinżel l-ilma tax-xita minn fuq il-bejt tar-residenza tagħha u jmur fl-istess bir li għandha fil-parapett, liema kumnikazzjoni qed tikkapparra parti minn art pubbliku u mhux kif suppost.

13. Nicholas Briffa semma talba li saret minn ċertu Emanuel Zammit, li joqgħod fi Triq Valletta, għal *yellow line* quddiem ir-residenza tiegħu. Noel Galea qal illi minn naħa tagħna, dan għamilnihulu għax kien talbu hu u approvatu *Transport Malta*. Madankollu issa dan qed jitlob li jsir *yellow line* f'parti oħra, biex ma jħallix trakkijiet jgħaddu qrib ir-residenza tiegħu. Dawn it-trakkijiet ikunu ħerġin mill-inħawi tat-torri u peress li ma jikkwartjawx biżżejjed ikun jinħtieġ illi jirriversjaw għal ftit metri, u għalhekk qed ipoġġu wkoll fil-periklu residenzi oħra fi Triq Valletta. Dan ilu jsir għal diversi snin għaliex it-tul ta' trakkijiet moderni huma tali illi jkun jinħtieġ illi biex iduru, jirriversjaw u imbgħad jgħaddu minn triq verament dejqa. Noel Galea

qal li jekk isir dan is-sinjal fejn mitlub (*single yellow line*) imbgħad lanqas hu stess ma jkun jista' jipparkja. Is-sindku qal illi l-*yellow line* quddiem l-entratura tal-*basement* ta' ħdejn din ir-residenza ġie approvat xi ġimgħatejn ilu u sar mill-KLM – xi ħaġa illi jidher li instigat lill-istess Zammit biex jerġa' jqajjem il-kwistjoni sena wara.

14. Nicholas Briffa tkellem dwar *bus stop* fejn il-każin tal-futbol. Hawn intqal illi l-KLM kien irreveda l-ispustjar tiegħu mill-post illi fih kien twaħħal minn *Transport Malta*, iżda kellna npoġġuh fejn kien oriġinalment fil-post fejn ma jistax isir ilqugħ u lanqas hu kopert b'bankina (li ma tistax issir) minħabba li t-triq hija dejqa.

15. Grace Maria Mallia semmiet l-isprall li hemm fi Triq San Innoċenzju fejn dan jinħtieġ manutenzjoni għaliex sfronda 'l isfel u għaldaqstant issa ġie ta' periklu. Dan jinsab fejn l-Isptar il-Qadim. Il-ħaddiema tal-*IPSL* kienu ġew meħuda fuq il-post mis-segretarju eżekuttiv għal parir, fejn irriżulta illi biex issir din il-manutenzjoni trid tinqala' t-triq u tingħata sodda tal-konkos.

16. Paul Spiteri semma l-*manhole* tad-drenaġġ li sfrundat fi Triq il-Madonna tal-Ġilju fil-kantuniera ma' Triq tas-Sejba, propju fejn il-*pet shop*. Dan se jiġi rrappurtat lil Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex jieħdu l-passi neċessarji.

17. Noel Galea qal li irċieva talba għal refużjoni biex is-Sur Travis Parnis, li joqgħod fi Triq il-Parroċċa, Sqaq Numru 3, L-Imqabba, jingħata kumpens talli qasam *tire* fi Triq is-Siġġiewi f'toqba illi fiha kien hemm ukoll diversi lmenti oħrajn minn inċidenti simili. Għal dan il-għan il-KLM se jħallas is-somma ta' €110 biex ikopri l-ħsara wara li jkunu ppreżentati l-irċevuti oriġinali u r-rapport li sar mal-Kummissarju tal-Pulizija. Il-KLM qal illi b'din id-deċiżjoni ma jfissirx li qed joħloq l-ebda preċedent, għaliex kull każ futur irid ikun aġġudikat *on its own merits.*

18. Il-laqgħa ntemmet fid-9:10pm u dik li jmiss se ssir nhar id-9 ta' April, 2012.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*17/ 04/ 2012 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |